KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 26 Tlieta 29 ta' Diċembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Mosta jlaqqa' laqgħa tal-Kunsill li ser tinżamm online permezz ta' Microsoft Teams fis-6:05 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Romilda B. Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Joseph Edward Howard – Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Shirley Abela – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

MISTIEDEN:
Daniel Galea - Accountant

Minuti
Is-Sindku Romilda B. Zarb ippresediet l-laqgħa.

26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija, tal-Kunsilliera Abela u Bonnici. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 25
REF: 24.3.13 Kommunikazzjoni - Tabella Skola Santa Monica
Saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu li jiġi verifikat min liema *gate* jidħlu u joħorġu t-tfal, u kemm jkun hemm *mini buses* biex il-parking bays li hemm jiġu riżervati għalihom waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal mil-iskola. Il-Kunsillier Micallef ħa jerġa jkellem lis-sisters biex jiċċara dawn il-punti.

**REF: 24.3.2 Korrispondenza - Skema-SPI.SC.6.2020-Finanzjament għal-kreazzjoni ta’ spazju miftuħa fiċ-ċentru tal ibliet u irħula f’Malta u Għawdex**

Il-Kunsillier Cassar staqsa għal *update* fuq din l-iskema. Is-Sindku nfurmat li din l-applikazzjoni ddaħlet fuq il-ġnien taz-Zokrija u mhux fuq is-sit ta’ Triq il-Farinal, u li l-Kunsill ħa jipprova jġib fondi min din l-istess skema peress li dan il-proġett ta’ triq il-Farinal huwa kbir.

**REF: 24.3.4 Korrispondenza - Skema SPI.SC.5.2020 Manutenzjoni ta’ sostenn ta’ proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern**

Is-Sindku nfurmat li ntalbet kwotazzjoni lil-kuntrattur tal-Kunsill tal-Parks and Gardens, u tressqet ma l-applikazzjoni għal ġnien l-Għarusa tal-Mosta, u nisperaw li jirnexxielna nibbenifikaw min din lis-skema.

**REF: 24.3.7 Kommunikazzjoni - PA/09958/18-demolition of existing public convenience**

Is-Sindku nfurmat li għad irridu ninfurmaw lil-Perit tal-Kunsill biex jibda jaħdem fuq it-tender, u l-Viċi Sindku fakkar lis-Sindku li kienu qablu li l-ewwel jaraw jekk hemmx biżżejjed fondi fid-Development Fund. Il-Kunsillier Cassar talab *update* tal-lista tal-*breakdown* tal-proġetti għax il-lista li kienet ippreżentata waqt l-aħħar laqgħa mhux finali. Il-Kunsill jrid jkollu stampa iktar ċara ta’ x’inhu l-bilanċ attwali, u liema huma dawk il-proġetti li l-Kunsill jrid jieħu deċiżjoni fuqhom skond il-fondi li hemm.

**REF: 24.4.5 – Proġetti**

Saret diskussjoni fuq il-proġett ta’ triq il-Ġnejna, il-wiċċ tagħha u jekk hux Infrastructure Malta hux ħa jagħmlu lis-*storm water culvert*. Il-Viċi Sindku nforma li Infrastructure Malta mhux ser jaqbdu u jagħmlu xi xogħolijiet mingħajr ma jinfurmaw lil Kunsill, apparti li r-risposta tagħhom hija li s’issa mhux ħa jagħmlu lis- *storm water culvert,* u l-Viċi ħa jagħmel laqgħa oħra magħhom.

Il-Kunsillier Cassar qal li l-Kunsill kien ġab stima ta’ €120,000 biex jsir *culvert* u dak iż-żmien ma kienx f’sitwazzjoni li jagħmel *culvert* wieħed fi triq waħda. Jekk nkunu għaqlin u nġiebu stima biex jsir *culvert*, jekk Infrastructure Malta tibqa tgħid le, u jekk għandna fondi biżżejjed, nkunu nistgħu nmexxu bil-proġett u jsir min-fondi tal-Kunsill.
Is-Sindku nfurmat li l-*issue* hija jekk il-Kunsill jagħmel il-*culvert* ta’ triq il-Ġnejna, mhux ser jirnexxielna nlestu l-*culverts* l-oħrajn fejn għanda problemi ta’ għarar. Din hija problema prinċipali u ma nistgħux nagħmlu *culvert* fi triq waħda, għax hemm toroq oħrajn.

Il-Kunsillier Cassar qabel ma dak li qalet is-Sindku, però l-wiċċ ta’ triq il-Ġnejna tant hu ħażin li jekk nibqgħu nistennew il-wiċċ tat-triq ma ssir qatt.

Kompliet id-diskussjoni u l-membri preżenti qablu li lis-spejjez ta’ triq il-Ġnejna, li jinvolvi l-wiċċ tat-triq jridu jkunu parti mid Development Funds.

**REF: 21.3.2 Kommunikazzjoni-Extension Change Request Review Board Decision Measure 4.4**

Il-Kunsillier Cassar nforma li ra x-xogħol fi triq San Pawl tal-Qlejja, u li issa għad fadal il-fondi.
Is-Sindku nfurmat li applikajna għal toroq oħra li kien iddeċieda l-Kunsill fuqhom f’laqgħa preċedenti numru 24 li saret f’Ottubru, fejn sar qbil biex jsiru f’din l-ordni u skond il-fondi; Durumblat l-parti tal-bidu, Triq il-Mitħna u Triq Torri Cumbo.

Il-Viċi Sindku nforma li kellu jiltaqa’ mal-Perit tal-Kunsill biex jaraw flimkien il-ħitan tas-sejjieħ, f’dawn it-toroq, imma għad ma kellmux lura.

Il-membri preżenti unanimament qablu li kif il-Perit tal-Kunsill jippreżenta l-BOQ's ta' Durumblat l-parti tal-bidu, Triq il-Mitħna u Triq Torri Cumbo, il-Kunsill jerġa jiddeċiedi min dawn it-tlett toroq liema ħa jsiru minnhom skond il-fondi.

REF: 25.3.2 - Kommunikazzjoni - Fanali Antiki fuq Arblu

Il-Kunsillier Cassar nforma dwar id-diffikultà li kien hemm minħabba ix-*shape* u d-dawl tal-fanali. Il-Kunsillier Cassar wara li tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv, għamel kuntatt mal-kuntrattur u kellu jibgħat kjarifika bil-miktub, liema kjarifika kellha tgħid li l-fanali li qed jiġu kwotati u ġew preżentati fl-aħħar laqgħa ta' Novembru, huma l-kwadri għalkemm fuq il-katalgu huma tondi.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 25 .

26.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

26.3.1-Kommunikazzjoni - Triq il-Parroċċa

Is-Sindku nfurmat li resqet mar-residenti l-proposta fejn ir-residenti ma jkunux jistgħu jipparkjaw f'din it-triq għax qed jiġu proposti biex jsiru *bollards*. Intbagħtet ittra lir-residenti u s-Sindku 'iltaqgħet mar-residenti, min ma ġiex jew ma b'għatx *feedback,* allura qablu mal proposta li għamel il-Kunsill.

Is-Sindku qrat l-ittra (Appendiċi A) li ntbagħtet lir-residenti u resqet fuq il-mejda tal-Kunsill, il-proposti tar-residenti:

- Uħud talbu li l-*bollard* tkun iktar lejn triq Kurat Schembri biex jkunu jistgħu jdawru;
- Persuna waħda talbet biex tibqa miftuħa;
- Persuna waħda talbet għal possibbiltà li jkun hemm *electric bollard*;
- Persuna oħra ppreżenta ittra li ma jaqbilx mas-suġġerimenti tal-Kunsill. Dal persuna mhux resident fi triq il-Parroċċa imma għandu garaxx li jużah bħala *store*.

Is-Sindku nfurmat li l-maġġoranza qablu mal-pjanta u s-suġġerimenti li għamel il-Kunsill, u għalhekk is-Sindku talbet lil-membri preżenti l-approvazzjoni.

Il-Viċi Sindku tella' l-pjanti onlajn (Appendiċi B), u spjega lil-Kunsilliera preżenti il-proposta, u li l-*bollards* mhux ħa jkunu fissi, biex min jkollu bżonn jħott jew jgħabbi tkun tista' tinqala l-*bollard* u terġa titpoġġa f'posta. Issa jekk il-*bollard* tkunx elettriku jew le, wieħed jara iktar il-quddiem, imma għalissa jekk il-Kunsill jaqbel immexxu bil-*bollards* tradizzjonali.

Il-Viċi spjega li l-bollards ħa jkunu;

- set ta' *bollards* b'katina quddiem kull entratura ta' residenza;
- min dieħel min pjazza 21 ta' Settembru ħa jkun hemm *bollard*, biex il-vetturi jidħlu min triq il-Parroċċa u joħorġu min triq il-Lunzjata ħlief kull nhar ta' tnejn minħabba l-monti, fejn triq il-Lunzjata jkun dħul u ħruġ;
- il-ħinijiet kollha matul il-ġimgħa dħul jkun min triq il-Parroċċa min naħa ta' pjazza 21 ta' Settembru u ħruġ min triq il-Lunzjata;
- min naħa ta' triq Kurat Schembri il-*bollards* ser jkunu estiżi 'iktar il-quddiem biex jkun hemm spazju għal vetturi biex jkunu jistgħu jdawru.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-proposta.

**26.3.2-Kommunikazzjoni - Talba Electric Bollard fi Triq il-Knisja**

Il-Viċi Sindku spjega li qed jidħlu vetturi u jipparkjaw għalkemm kienet saret *bollard* b'katina u katnazz, u ingħatat ċavetta lil-resident li għandu garaxx fl-istess triq, Giovann u l-grupp armar.

Il-problema li għandu r-resident hija li qed jidħlu min naħa ta' wara tat-triq, jipparkjaw il-vetturi u jħalluhom hemm. Hemm żewġ residenti għandhom karta datata 2016 mil-eks Sindku Edwin Vassallo li jistgħu jipparkjaw hemm biex jħottu, u mhux titħalla l-vettura fuq il-post, imma f'ċerti ċirkustanzi dawn ir-residenti qed jabbużaw bl-ittra u jħallu l-vettura wara l-bieb.

Il-Viċi Sindku żied jgħid li biex tissolva din il-problema l-unika soluzzjoni hija li f'din it-triq issir *electric bollard*, għax ir-resident li jrid jaċċessa l-garaxx huwa anzjan, u ma jiflaħx joqgħod jqandel l-*bollard* kull darba.

Is-Sindku talbet biex nġiebu kwotazzjoni ta' kemm tiswa *electric bollard* bir-*remotes*, u nimxu min hemm.
Il-Kunsillier Cassar nforma lil-membri preżenti li hemm toroq oħra li għandhom bżonn *electric bollard* bħal Tower street ma triq Kurat Calleja, triq l-Isperanza u oħrajn. Għalhekk il-Kunsill qed jgħidilhom le lil dawn? Għax jekk il-Kunsill jaqbel li jsiru *electric bollards,* biex jsiru waħda ħa tiġi spiża 'ikbar u għalhekk idealment il-Kunsill jaħseb għal tender. Il-Kunsillier Cassar żied jgħid biex ninsewx biex il-parroċċa jkolla aċċess wkoll għal meta jkun hemm il-funerali.

Is-Sindku nfurmat li l-Arċipriet suppost għandu ċavetta. Kif wkoll talbet lil Viċi Sindku biex jsir eżerċizzju biex jaraw liema toroq aktar hemm bżonn *electric bollards.*

**26.3.3-Korrispondenza- Tiġdid ta' Leave għas-sena 2021 -Nadia Micallef Camilleri**

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għal approvazzjoni tal-Kunsill it-tiġdid tal-*leave* ta' 35.5 siegħa. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan il-*leave* ma tteħidx kollu minħabba li qed ninqasmu minħabba l-pandemija, u kien hemm 3 staff bi kwarantina ta' 8 ġimgħat bejniethom, u għalhekk l-istaff kellhom wkoll jissostitwixxu lil-xulxin.
Il-membri preżenti staqsew jekk il-*leave* jistax jitħallas flok jiġi mġedded. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fil-*policy* tar-riżorsi umani tal-Kunsilli ma jidhirx li hemm informazzjoni fuq ħlas ta' *leave* imma fuq tiġdid ta' *leave*, u għalhekk ħa tiċċekkja u tinforma lil-Kunsilliera fil-laqgħa li jmiss.

**26.3.4 Korrispondenza- Tiġdid ta' Leave għas-sena 2021 – Lorraine Zammit Tabone**

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għal approvazzjoni tal-Kunsill it-tiġdid tal-*leave* ta' 97.25 siegħa. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan il-*leave* ma tteħidx kollu minħabba li qed ninqasmu minħabba l-pandemija, u kien hemm 3 staff bi kwarantina ta' 8 ġimgħat bejniethom, u għalhekk l-istaff kellhom wkoll jissostitwixxu lil-xulxin.
Il-membri preżenti staqsew jekk il-*leave* jistax jitħallas flok jiġi mġedded. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fil-*policy* tar-riżorsi umani tal-Kunsilli ma jidhirx li hemm informazzjoni fuq ħlas ta' *leave* imma fuq tiġdid ta' *leave*, u għalhekk ħa tiċċekkja u tinforma lil-Kunsilliera fil-laqgħa li jmiss.

**26.3.5 Korrispondenza- Tiġdid ta' Leave għas-sena 2021 – Rita Galea**

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għal approvazzjoni tal-Kunsill it-tiġdid tal-*leave* ta' 69 siegħa. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan il-*leave* ma tteħidx kollu minħabba li qed ninqasmu

minħabba l-pandemija, u kien hemm 3 staff bi kwarantina ta' 8 ġimgħat bejniethom, u għalhekk l-istaff kellhom wkoll jissostitwixxu lil-xulxin.
Il-membri preżenti staqsew jekk il-*leave* jistax jitħallas flok jiġi mġedded. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fil-*policy* tar-riżorsi umani tal-Kunsilli ma jidhirx li hemm informazzjoni fuq ħlas ta' *leave* imma fuq tiġdid ta' *leave*, u għalhekk ħa tiċċekkja u tinforma lil-Kunsilliera fil-laqgħa li jmiss.

### 26.3.6 Korrispondenza- Tiġdid ta' Leave għas-sena 2021 – Candice Coppola

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għal approvazzjoni tal-Kunsill it-tiġdid tal-*leave* ta' 34.75 siegħa. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan il-*leave* ma tteħidx kollu minħabba li qed ninqasmu minħabba l-pandemija, u kien hemm 3 staff bi kwarantina ta' 8 ġimgħat bejniethom, u għalhekk l-istaff kellhom wkoll jissostitwixxu lil-xulxin.
Il-membri preżenti staqsew jekk il-*leave* jistax jitħallas flok jiġi mġedded. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fil-*policy* tar-riżorsi umani tal-Kunsilli ma jidhirx li hemm informazzjoni fuq ħlas ta' *leave* imma fuq tiġdid ta' *leave*, u għalhekk ħa tiċċekkja u tinforma lil-Kunsilliera fil-laqgħa li jmiss.

### 26.3.7 Korrispondenza- Tiġdid ta' Leave għas-sena 2021 – Ramona Calleja

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għal approvazzjoni tal-Kunsill it-tiġdid tal-*leave* ta' 47 siegħa. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan il-*leave* ma tteħidx kollu minħabba li qed ninqasmu minħabba l-pandemija, u kien hemm 3 staff bi kwarantina ta' 8 ġimgħat bejniethom, u għalhekk l-istaff kellhom wkoll jissostitwixxu lil-xulxin.
Il-membri preżenti staqsew jekk il-*leave* jistax jitħallas flok jiġi mġedded. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fil-*policy* tar-riżorsi umani tal-Kunsilli ma jidhirx li hemm informazzjoni fuq ħlas ta' *leave* imma fuq tiġdid ta' *leave*, u għalhekk ħa tiċċekkja u tinforma lil-Kunsilliera fil-laqgħa li jmiss.

### 26.3.8 Korrispondenza- Tiġdid ta' Leave għas-sena 2021 – Maxine Ebejer

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għal approvazzjoni tal-Kunsill it-tiġdid tal-*leave* ta' 42 siegħa. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan il-*leave* ma tteħidx kollu minħabba li qed ninqasmu minħabba l-pandemija, u kien hemm 3 staff bi kwarantina ta' 8 ġimgħat bejniethom, u għalhekk l-istaff kellhom wkoll jissostitwixxu lil-xulxin.
Il-membri preżenti staqsew jekk il-*leave* jistax jitħallas flok jiġi mġedded. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fil-*policy* tar-riżorsi umani tal-Kunsilli ma jidhirx li hemm informazzjoni fuq ħlas ta' *leave* imma fuq tiġdid ta' *leave*, u għalhekk ħa tiċċekkja u tinforma lil-Kunsilliera fil-laqgħa li jmiss.

### 26.3.9 Korrispondenza- Tiġdid ta' Leave għas-sena 2021 – Shaun Theuma Marshall

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għal approvazzjoni tal-Kunsill it-tiġdid tal-*leave* ta' 43 siegħa. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan il-*leave* ma tteħidx kollu minħabba li qed ninqasmu minħabba l-pandemija, u kien hemm 3 staff bi kwarantina ta' 8 ġimgħat bejniethom, u għalhekk l-istaff kellhom wkoll jissostitwixxu lil-xulxin.
Il-membri preżenti staqsew jekk il-*leave* jistax jitħallas flok jiġi mġedded. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fil-*policy* tar-riżorsi umani tal-Kunsilli ma jidhirx li hemm informazzjoni fuq ħlas ta' *leave* imma fuq tiġdid ta' *leave*, u għalhekk ħa tiċċekkja u tinforma lil-Kunsilliera fil-laqgħa li jmiss.

**26.3.10 Korrispondenza- Tiġdid ta' Leave għas-sena 2021 – Aaron Debono**
Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għal approvazzjoni tal-Kunsill it-tiġdid tal-*leave* ta' 14 siegħa. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan il-*leave* ma tteħidx kollu minħabba li qed ninqasmu minħabba l-pandemija, u kien hemm 3 staff bi kwarantina ta' 8 ġimgħat bejniethom, u għalhekk l-istaff kellhom wkoll jissostitwixxu lil-xulxin.
Il-membri preżenti staqsew jekk il-*leave* jistax jitħallas flok jiġi mġedded. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fil-*policy* tar-riżorsi umani tal-Kunsilli ma jidhirx li hemm informazzjoni fuq ħlas ta' *leave* imma fuq tiġdid ta' *leave*, u għalhekk ħa tiċċekkja u tinforma lil-Kunsilliera fil-laqgħa li jmiss.

**26.3.11 Korrispondenza - Tiġdid ta' Leave għas-sena 2021 – Dorianne Wells**
Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għal approvazzjoni tal-Kunsill it-tiġdid tal-*leave* ta' 21 siegħa. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan il-*leave* ma tteħidx kollu minħabba li qed ninqasmu minħabba l-pandemija, u kien hemm 3 staff bi kwarantina ta' 8 ġimgħat bejniethom, u għalhekk l-istaff kellhom wkoll jissostitwixxu lil-xulxin.
Il-membri preżenti staqsew jekk il-*leave* jistax jitħallas flok jiġi mġedded. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fil-*policy* tar-riżorsi umani tal-Kunsilli ma jidhirx li hemm informazzjoni fuq ħlas ta' *leave* imma fuq tiġdid ta' *leave*, u għalhekk ħa tiċċekkja u tinforma lil-Kunsilliera fil-laqgħa li jmiss.

**26.3.12 Korrispondenza - Tiġdid ta' Leave għas-sena 2021 – Carmen Farrugia**
Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għal approvazzjoni tal-Kunsill it-tiġdid tal-*leave* ta' 27 siegħa. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan il-*leave* ma tteħidx kollu minħabba li qed ninqasmu minħabba l-pandemija, u kien hemm 3 staff bi kwarantina ta' 8 ġimgħat bejniethom, u għalhekk l-istaff kellhom wkoll jissostitwixxu lil-xulxin.
Il-membri preżenti staqsew jekk il-*leave* jistax jitħallas flok jiġi mġedded. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fil-*policy* tar-riżorsi umani tal-Kunsilli ma jidhirx li hemm informazzjoni fuq ħlas ta' *leave* imma fuq tiġdid ta' *leave*, u għalhekk ħa tiċċekkja u tinforma lil-Kunsilliera fil-laqgħa li jmiss.

**26.3.13 Korrispondenza – Quotes Presepju tal-Kunsill**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Kunsillier Cassar kien ressaq kwotazzjoni għal approvazzjoni tal-Kunsill ta' €1,200 eskluż VAT.
Il-kwotazzjoni kienet għal;
- Xena ta' sfond (żejt fuq bord)
- Stand bażi tat-tip ta' wirja
- Cover tal-istand tal-Perspex
- Illuminazzjoni
- Veġetazzjoni (Siġar, Arbuxelli eċċ)

Din il-kwotazzjoni kienet ġiet approvata mil-membri tal-kunsill u kienet biex il-presepju tal-Kunsill jkun jista jitpoġġa għal wiri fiż-żmien il-Milied.

**26.3.14 Korrispondenza – Fixed Asset Register Quote**
Is-Segretarju Eżekuttiv resqet il-kwotazzjoni ta' €1,242 li hija *one off cost*, u €345 *per user*, biex jiġi *upgraded* is-SAGE minħabba l-*inputting* tal- Fixed Asset Register. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li qed tistenna kwotazzjoni oħra biex jiġi *upgraded* is-server, għax biex jsir l-*upgrade* tas-SAGE, jidher li għandna bżonn *upgrade* fuq is-server wkoll.

Il-membri preżenti unanimament approvaw l-kwotazzjoni tal-Fixed Asset Register.

**26.3.15 Kommunikazzjoni – Belt Kulturali tas-Sena**
Is-Sindku nfurmat li is-sena d-dieħla 2021, tixtieq tapplika biex il-Mosta tkun il-Belt Kulturali tas-Sena, fejn din ħa tkun reġjonali u diġà bdiet tiddiskuti mar-reġjun. Is-Sindku talbet approvazzjoni tal-Kunsill biex tavviċina lis-Sur Jason Micallef biex jagħtina għajnuna peress li kien il-persuna involuta fil Valletta 18.

**26.3.16 Kommunikazzjoni – Kwotazzjoni Soft Areas**
Is-Sindku nfurmat li talbet kwotazzjoni lil kuntrattur tal-Kunsill biex jinżergħu 250 Lantana f'10 *soft areas* fi Vjal Qalbiena Mostin and Triq l-Istiratur. Is-Sindku nfurmat li l'ammont huwa ta' €3,200. Is-Sindku żiedet tgħid li mhux taqbel li jrid jsir il-ħlas għal-manutenzjoni li mhux inkluż fil-kwotazzjoni u li dan jammonta għal €2,400.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dawn huma *soft areas* fejn qatt ma kien hemm xejn ħlief ħamrija.

Il-membri preżenti talbu biex nieħdu parir legali jew parir mil konsulent tal-Kunsill.

**26.3.17 Kommunikazzjoni – Kwotazzjoni Salvin Ltd.**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kienet tħallas ix-xogħol tar-*rubber works* li sar fil-Blata l-Għolja*,* li kien jammonta għal €20,000, u issa tħallas il-kumplament li kien fadal ta' €65,934.00.

Il-membri preżenti unanimament approvaw dan il-pagament.

Fis 7:45pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex tinqara *item* 26.5.1 Annual Budget 2021.

**26.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**
**26.4.1 – Lampi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**
Il-Viċi Sindku staqsa meta l-lampi ta' Ġnien l-Għarusa tal-Mosta ikissruhom, jekk jissewwewx mil-*handyman* tal-Kunsill peress li hemm pagament. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-pagament huwa minħabba li dawn il-lampi tqaċċtu mil-*electrical wires* u għalhekk kien hemm bżonn is-servizz ta' *electrician.*

Il-Viċi Sindku żied jgħid biex nixtru madwar 10, ħalli jkollna *stock* ta' dawn il-lampi, għax ta' spiss qed jiġu vandalizzati.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għalkemm hemm il-*cameras,* diffiċli biex taqbad min tkun il-persuna, mod speċjalment jekk ma jkollniex bejn wieħed u ieħor id-data u l-ħin, u jekk jinqabad il-persuna u ma jintarafx, il-Pulizija xorta ma jkunux jistgħu jieħdu passi.

Il-Kunsillier Howard żied jgħid li hemm bżonn jkun hemm xi ħadd jdur, jekk le jridu jiġu *monitored* mil-għassa tal-Pulizija. Is-Sindku żiedet tgħid li 'impossibbli li l-Kunsill jidħol fi spiża ta' *security officer* 24x7. Ambjent Malta kienu poġġew *security officer* 24x7, imbagħad bdew inaqqsu.
Il-Kunsillier Howard issuġġerixxa li mmorru għal-kumpanija li joffru servizz ta' *patrolling.*

26.4.2 – Ċimiterju fi triq Durumblat

Il-Kunsillier Deguara nforma li xorta għadhom qed jbiegħu mal-bieb, meta suppost lanqas bramel ma l-art mhux suppost jnizżlu. Wieħed partikolari kważi għatta l-plakka bl-isem li saru reċenti, ta' wieħed min dawk il-vittmi tan-nar. Il-Kunsillier Deguara nforma li talab lil dan il-bejjiegħ biex jressaq il-bramel u qallu li ma jistax jagħmel mod ieħor.

Il-Viċi Sindku qal biex nieħdu ftit paċenzja għax issa ħa tinqala t-triq, u diġà tkellem ma Infrastructure Malta biex quddiem iċ-ċimiterju jkun biss għas-servizzi tal-funerali.

26.4.3 – Tenders Adjudication Board

Il-Kunsilliera Rapa nfurmat lil membri preżenti li ħa tirriżenja mil-*adjudication board* tat-tenders peress li mhux qed tlaħħaq biex xogħol tagħha. Tenders li diġà miftuħin u qed jiġu evalwati ħa tkompli tagħudikhom sakemm jingħalqu.

26.4.4 – CCTV Cameras ma l-ex Zamco

Il-Kunsillier Gatt staqsa f'hiex wasal il-proċess, u s-Sindku nfurmat li xi ħadd mil-Kunsilliera kellu jmur jkellem lir-residenti għal permess fejn ser jitwaħħlu dawn il-*cameras*.

26.5 Rapporti

26.5.1 Annual Budget 2021

L-accountant Galea ppreżenta l-baġit li ġie ppreżentat fl-AGM, fejn ma kienx hemm tibdiliet, u s-surplus huwa ta' €4401,091 b'FSI ta' 31%. Is-Sindku nfurmat li ħa jiżdiedu l-proġetti wieħed minnhom huwa dak tal-*green walls.*

Il-membri preżenti unanimament approvaw l-Annual Budget 2021.

26.6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

26.6.1 Skeda ta Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 111.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 25 ta' Novembru 2020 sad-29 ta' Diċembru 2020.

26.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

26.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

26.6.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*petty cash.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-*petty cash* li tkopri x-xahar ta' Novembru 2020.

**26.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-8:07 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għas-26 ta' Jannar 2021 fis-6:00pm.

Konfermati llum 29 ta' Diċembru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda B. Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |